KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 71

**It-Tnejn 16 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

71.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

71.2.2 Il-Viċi Sindku propona li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Fenech ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 71.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Fir-rigward tal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill, is-Sindku informa li l-ħarġa tar-Redentur kienet se tinzamm fil-21 ta' Novembru, dik tal-monti tal-Birgu fit-28 ta' Novembru, l-ikla tal-komunita' fid-9 ta' Diċembru, il-festin tat-tfal fit-23 u dak tal-anzjani fit-28.

71.3.2 Is-Sindku informa li l-Motor Sports Association li kellhom sede fl-Imtarfa għandhom post kbir bil-kiri (€2600) u dawn kienu avviċinawh biex jinstabilhom post alternattiv fl-Imtarfa fejn izommu laqgħat tal-kumitat. Għaldaqstant is-Sindku kien issuġġerixxa li l-Kunsill jipprovdi s-sala kif ukoll il-kamra ta' wara t-torri tal-ilma u minflok il-Kunsill juza l-post tagħhom bħala store minħabba li mhux se nkunu nistgħu nibqgħu nuzaw il-kamra tal-periti.

71.3.3 Is-Sindku informa li kien hemm aġenzija li tbiegħ id-djar u li offriet 240 ċipressa. Is-SE talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex jiġi individwat fejn se jitħawlu. Kien hemm qbil li għandha tara jekk jistgħux jitħawlu fil-bosk inkella tipprova tirranġa magħhom għal siġar alternattivi.

## 71.4 Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali

71.4.1 Is-SE infurmat li kienet fl-obbligu li tirrapporta lill-Kunsill kull meta jkun hemm Kunsillier li jonqos milli jattendi għal 4 laqgħat konsekuttivi jew b'inqas minn terz tal-laqgħat fi zmien sitt xhur. Dan kien qed isir b'riferenza għall-ittri ta' apoloġija li rċeviet min-naħa tal-Kunsillier Vella.

71.4.2 Il-Kunsill qabel li ladarba kien ġie mgħarraf mill-istess Kunsillier minn qabel il-laqgħa li huwa ma setgħax jattendi minħabba kwistjoni ta' xogħol, ma kienx qed iqis il-post tiegħu bħala vakanti.

## 71.5 Mdina Grand Prix 2017 u 2018

71.5.1 Is-SE talbet kummenti lura min-naħa tal-Kunsill dwar l-attività tal-Grand Prix vis-a-vis l-garanzija li huma kienu ħallew sakemm jimxi kollox ħarir matul l-attività.

71.5.2 Hawnhekk waslet il-Kunsillier Bugeja. Il-ħin kien it-7:40pm.

71.5.3 Il-Viċi Sindku qal li huwa ma jaqbilx li l-attività għandha tibqa' ssir u għaldaqstant issuġġerixxa li anke jekk issir, il-Kunsill m'għandux jappoġġjaha u meta jkun il-waqt għandu jagħmel konferenza stampa biex jgħid li ma jaqbilx li din tibqa' tiġi organizzata.

71.5.4 Kien hemm qbil unanimu li għalkemm il-garanzija għandha tingħata lura sħiħa, 'il quddiem il-Kunsill għandu jinfurmahom li ma jaqbilx li din l-attività tibqa' tiġi organizzata minħabba l-inkonvenjenza kollha li toħloq lir-residenti tal-lokalità tagħna.

71.5.5 Hawnhekk, il-Viċi Sindku skuza ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien it-7:45pm.

## 71.6 Rapport tekniku u legali rigwardanti l-bosk tal-Imtarfa

71.6.1 Is-SE infurmat li ma kinitx għadha rċeviet risposta definittiva min-naħa tal-Perit Musumeci fir-rigward tar-rapport dwar il-ħsara li ġrat fil-bosk. Min-naħa tagħha kienet għaddiet l-informazzjoni li ntalbet mingħand il-Perit tal-Kunsill lill-Perit Musumeci.

71.6.2 Sadanittant is-Sindku informa li kienet saret laqgħa bejnu, is-SE u l-Perit Musumeci u kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-periti tal-Kunsill. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li legalment il-Kunsill jista' jirkupra lura biss l-ispejjeż ta' kif kien qabel ma sar il-proġett u mhux il-flus li ntefqu biex sar il-belveder lest.

71.6.3 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-7:50pm.

## 71.7 Ċirkulari 30/2017 – Twettiq ta' proġetti utli għall-komunità bla spejjez għall-Kunsilli Lokali

71.7.1 Is-SE ġabet għall-attenzjoni ċ-ċirkulari li kienet ħarġet mid-Dipartiment wara li fil-baġit kienet imħabbra skema biex *businessmen* jagħmlu proġetti għall-komunità fejn huma jibbenefikaw minn tnaqqis fir-rata tat-taxxa tagħhom.

71.7.2 Hija talbet lill-Kunsilliera biex kemm-il darba jkunu jafu min jista' jibbenefika minn dan it-tnaqqis filwaqt li jgħin lill-Kunsill Lokali, jinfurmawhom b'din l-iskema.

## 71.8 Konsultazzjoni dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kavallier Vincenzo Bugeja

71.8.1 Is-SE infurmat li kienet poġġiet mistoqsija kif kienet ġiet mitluba mill-Kunsill fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill fejn il-maġġorparti ta' min ivvota kien kontra li din it-triq issir *one way* 'il fuq. Dan ir-riżultat seta' jfisser però li wieħed jaqbel mal-one way però mhux mad-direzzjoni

magħżula mill-Kunsill. Fil-fatt kien hemm min infurmaha kemm bil-miktub kif ukoll verbalment li huwa favur il-*one way* però jekk din issir 'l isfel minflok 'il fuq kif speċifika l-Kunsill. Hija għaldaqstant talbet lill-Kunsill li fl-ittra li kellha tibgħat lir-residenti, tpoġġi l-opzjonijiet kollha sabiex ir-riżultat aħħari jkun aktar ċar.

71.8.2 Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tagħmel kommunikazzjoni ma' TM biex il-Kunsill jagħti l-aħjar 3 opzjonijiet possibbli.

## 71.9 Konsultazzjoni minn TM dwar twessigħ fi Triq Buqana

71.9.1 Is-SE infurmat li kienet iċċirkolat *email* lill-Kunsilliera dwar twessigħ li se jsir minn TM fi Triq Buqana, għalkemm teknikament iż-żona fejn se jsir it-twessigħ ma taqax taħt il-konfini tal-lokalità tal-Imtarfa, imma li ċertament taffettwa t-traffiku li jkun ħiereġ mil-lokalità. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni dwar dan il-proġett ta' twessigħ.

## 71.10 *Culvert* fi Triq l-Imtarfa

71.10.1 Is-SE infurmat li min-naħa tal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura kienu aċċettaw li jgħinu lill-Kunsill permezz tal-ħaddiema biex jitlesta l-*culvert* però l-Kunsill kellu jħallas għall-materjal kollu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għalkemm kien hemm qbilli possibbilment ix-xogħol ta' tqattigħ tat-triq għandu jsir mill-ħaddiema tal-Ministeru u mhux mill-Kunsill Lokali.

## 71.11 Periklu minn *planters* bejn l-eks *barracks*

71.11.1 Is-SE infurmat li hemm *planters* fi Triq il-Ġizi u Triq il-Gizimin li huma perikoluzi minħabba li s-siġar li kienu tħawlu tant kibru li qed jixpakkaw il-ħitan tal-ġnub u għaldaqstant talbet lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jsiru mill-ġdid u jinqalgħu s-siġar li hemm prezenti u possibbilment jiġu rilokati x'imkien ieħor.

71.11.2 Kien hemm qbil li dan ix-xogħol għandu jsir u s-siġar jitpoġġew fil-viċin sakemm hu possibbli. Is-SE infurmat li hi u l-*Environment Manager* tal-Kunsill diġà kienu individwaw xi *planters* kbar fejn jistgħu jitmexxew mhux wisq bogħod minn fejn qegħdin fil-prezent. Hija infurmat li fuq parir tas-Sur Camilleri, se tippjana dan ix-xogħol għax-xhur ta' Jannar jew Frar sabiex possibbilment is-siġar ma jieħdux kedda kbira biċ-ċaqliq minħabba li jkunu 'rieqda'.

## 71.12 Ingaġġ ta' skrivan ġdid mill-*Community Workers Scheme*

71.12.1 Is-SE infurmat li s-Sur Raymond Scerri kien beda jagħti s-servizz tiegħu fil-Kunsill minn l-1 ta' Novembru u kif kienet infurmat fil-laqgħa preċedenti d-Districts Operations kienu qed jitolbu li l-Kunsill iħallas €100 extra fix-xahar biex hu joħroġ jagħmel dawrien fuq barra mill-uffiċċju.

71.12.2 Is-SE infurmat li min-naħa tad-Districts Operations kienu qed jitolbu wkoll li l-Kunsill iħallas *performance bonus* lil dan l-impjegat. Kien hemm qbil li għalkemm jekk is-SE tikkonferma li jkun ħaqqu dan jingħata, l-ewwel għandha tikkonferma mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li dan jista' jingħata minħabba li mhuwiex impjegat tal-Kunsill.

## 71.13 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

71.13.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-offerta tad-dawl kienet ġiet aġġudikata u kkonferma li ntrebħet mill-kumpanija Micamed. Huwa informa lis-Sindku u lis-SE li 'l quddiem se jintalbu jattendu fl-Uffiċċju tar-Reġjun sabiex jiffirmaw il-kuntratt inniffsu.

## 71.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

71.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

71.14.2 Hawnhekk is-SE prezentat kwotazzjoni għal xi laned tal-iskart ġodda minħabba li qed jinħass il-bzonn li jizdiedu. Il-Kunsill approva li jinxtraw sitt laned tal-iskart għall-prezz ta' €672.

## 71.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

71.16.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017 fis-6:30pm.

71.16.2 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera li fix-xahar ta' Diċembru, qabel il-laqgħa kienet se tinzamm il-laqgha tal-lokalità għas-sena rikorrenti. Din kienet se tibda fis-6:00pm.

Konfermati, illum 14 ta' Diċembru 2017.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv